# IL-KTIEB LI QRAJT DARBTEJN

Ta' JOHN AZZOPARDI S.J.

IL-KTIEB li qrajt darbtejn jismu *Il-Waltz tad-Dellijiet.* Dan huwa ġabra ta' mitt sunett miktuba mill-poeta Ġorġ Pisani. Ktieb ta' sunetti biss bħal dan għad m'għandna ebda ieħor fil-Letteratura Maltija. Biex nuru kemm hi ġabra ta' sunetti sbieħ biżżejjed ngħidu li dawn is-sunetti jistudjawhom l-istudenti tat-tielet klassi tal-Liċeo.

Il-bini ta' dawn is-sunetti huwa varjat ħafna. Wieħed isib sunetti Shakespearjani fuq it-tifsila abab – cdcd – efef – gg. Dawn l-aħħar żewġ versi iservu jew biex igħidu fi ftit kliem dak li jkun intqal diġà qabel jew bħala antitesi. F'dan Pisani juri ħila kbira. Fil-*Boxing* bħala antitesi jgħajjat:

*'Ma nies qed tieħu gost, tifraħ l-istess:*
*Viva s-seklu tad-dawl u tal-progress!*

Fil-*Lampi taċ-Ċimi* jiġbor f'żewġ versi dak li qal qabel:

*Hekk jorqod is-sajjied, bla flus, bla fama,*
*'ma joħlom jum ta' rxoxt, qawmien u tama.*

Is-sunetti Petrarkani huma mibnijin fuq ħafna tifsiliet. Iżda l-aktar huma mibnijin fuq it-tifsila abab – abab – cde – cde. Uħud minn dawn huma: *Xlendi, Lill-Muża* u *It-Triq.* Ta' min igħid ukoll li s-sunett *Post Bellica* huwa mibni fuq it-tifsila abab, abab, cdc, ede.

F'din il-ġabra l-poeta Ġorġ Pisani kitbilna xi ftit sunetti reliġjużi bħalma' huma *San Dimitri, Il-Kappella tal-'Quo Vadis'* u *Fiċ-Ċimiterju ta' San Kallistu.* Kitbilna ħafna versi reliġjużi għad li l-isem tas-sunett mhux reliġjuż; hekk fis-*Searchlight* kiteb:

*Tgħarrex għalxejn, għax dawl il-Verità*
*narawħ flimkien, ħabib, fl-Eternità.*

Fir-*Ramla t'Għawdex:*

*u l-Madonna fin-nofs, mimlija ħlewwa,*
*titlob sabiħa fuq id-deh'b tar-Ramla.*

Ukoll fil-*Wied tal-Lunzjata:*

*Int sirt Omm u tibqa' xebba dejjem.*

Versi oħra bħal dawn jinstabu fis-sunetti: *Il-Mewt tal-Ġilju* u *Via Appia.*

Il-Poeta kiteb ħafna sunetti fuq ix-xaqlibiet t'Għawdex, e.g. *Ix-Xlendi, Marsalforn, San Blas* u *Wied il-Għasri.* Kiteb oħrajn f'postijiet differenti tad-dinja. Il-ħdax-il sunett li jiġu wara *Vjaġġi fi Sqallija I* huma kollha ta' din il-għamla.

Ta' min igħid ukoll li f'din il-ġabra, Pisani bħas-soltu ma naqasx li jikteb liż-żgħażagħ. Anki fil-*Kelma Waħda,* ta' qabel ma jibdew is-sunetti, huwa jgħid: "nittama li dan il-ktieb ma jdumx ma jsir ukoll il-ħabib ta' l-istudjużi tal-Malti – fuq kollox taż-żgħażagħ." Il-Professur Aquilina fl-Introduzzjoni tal-*Muża Maltija* jsejjaħ 'il-Pisani bħala "Il-Poeta taż-Żgħażagħ". Uħud mis-sunetti li kiteb liż-żgħażagħ huma: *Bewsa, Għerusija, Meminisse Juvat* u *Meminisse Horret.*

Xi sunetti huma miktuba fuq l-insetti: *Lin-Naħla, Lin-Nemel, Nemusa, Lill-Brimba* u *Il-Werżieq.*

Deskrizzjonijiet sbieħ ħafna huma *Il-Wied tal-Lunzjata* u t-tliet sunetti immortali bl-isem ta' *Tliet Kwadri ta' Akkwarella.*

Sunett magħruf ħafna huwa *Il-Ħamiema tal-Kampnar.* Dan huwa sunett allegoriku u jispiċċa bil-mistoqsija retorika:

*Iqum għad il-kampnar f'għodwa ta' sliema,*
*'ma min iroddlu l-bejta u l-Ħamiema?*

Il-poeta Ġorġ Pisani jagħlaq dil-ġabra bis-sunett *Gratiarum Actio.* Dan huwa sunett tassew reliġjuż fejn il-poeta jiżżi ħajr lill-Mulej għall-ħlewwa ta' pajjiżu, il-wens ta' daru, il-ħbieb, il-frott, il-ward, l-ilma, il-weraq, il-ħut, it-tjur, il-bhejjem u x-xemx li għoġbu jagħtih. Il-Poeta jtemm b'att ta' ħajr mill-isbaħ:

*U 'fl-aħħarnett għal Oħti l-Mewt ħanina*
*li biha jiena nidħol f'ħajja isbaħ*
*u ngawdi d-dawl ta' Wiċċek għala dejjem.*

Dan il-komponiment ktibtu bħala "homework" f'April 1956 meta kont fir-raba' klassi tal-Liċeo, Għawdex, fejn is-surmast tal-Malti kien Ġorġ Pisani. Kien ħa pjaċir ħafna b'din il-kitba, u barra milli tani marka ta' 16 minn 20, li rari ferm kien jagħti, kitibli wara: "Sabiħ ħafna; nixtieqek tistampah f'xi rivista letterarja."

Din ix-xewqa ta' Ġorġ Pisani qed inwettaqha issa, tlettax-il sena wara, meta l-Professur Ġużè Aquilina, li għallimni l-Malti għal sentejn l-Università, stedinni nistampa xi kitba bil-Malti.